PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

20.7.2006 PE 376.604v01-00

EMENDI 1-67

Abbozz ta' rapport **(PE 374.493v02-00)**
Edit Bauer
Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin - metodu integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni
(2006/2078(INI))

Proposta għal rakkomandazzjoni

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 1
Ċitazzjoni, inċiż 11 a (ġdid)

- ***Wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ottubru 2005 intitolat "Nissieltu kontra t-traffikar tal-bnedmin - metodu integrat u proposti għal pjan ta' azzjoni" (COM(2005)0514),***

Or. es

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 2
Ċitazzjoni, inċiż 22 a (ġdid)

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 dwar strateġiji biex jitwaqqaf it-traffikar ta' nisa u tfal li huma vulnerabbli għall-isfruttament sesswali[1],

Or. en

[1] *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0005

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 3
Ċitazzjoni, inċiż 24 a (ġdid)

- ***Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 (A6-0400/2005) dwar strateġiji biex jitwaqqaf it-traffikar ta' nisa u tfal li huma vulnerabbli għall-isfruttament sesswali,***

Or. es

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 4
Premessa -A (ġdida)

-A. Billi t-traffikar tal-bnedmin huwa għamla moderna ta' skjavitù, reat serju u ksur sever tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem,

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 5
Premessa -A a (ġdida)

-Aa. Billi, skond il-Kunsill ta' l-Ewropa, it-traffikar tal-bnedmin huwa t-tielet l-iktar attività tal-kriminalità organizzata li ddaħħal flus[1],

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 6
Premessa -A b (ġdida)

-Ab. Billi seba' Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, għaxar Stati Membri ma rratifikawx il-Protokoll supplimentari tagħha għall-Prevenzjoni, għat-

[1] Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin - Rapport Spjegattiv, 2005.

Trażżin u għall-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, b'Mod Speċjali tan-Nisa u t-Tfal, għaxar Stati Membri ma rratifikawx il-Protokoll Mhux Obbligatorju tan-NU ta' mal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-bejgħ tat-tfal, it-taqħib tat-tfal u l-pornografija tat-tfal u l-ebda Stat Membru ma rratifika l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin,

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 7
Premessa A

A. Billi t-traffikar tal-bnedmin isir ***l-iktar*** għall-fini ta' l-isfruttament sesswali, iżda jsir ukoll ***għall-fini ta'*** l-isfruttament għax-xogħol, ta' l-adozzjonijiet illegali, tas-servitù domestika sfurzata ***u*** tal-bejgħ ta' l-organi; ***billi*** l-ġlieda kontra t-traffikar ***u l-għażla tal-miżuri għandhom iqisu u jkunu ppreparati għall-***forom ***varji*** ta' sfruttament u ta' moħqrija ***(tħassir)***,

Or. sv

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 8
Premessa A a (ġdida)

Aa. billi l-miżuri li ttieħdu s'issa biex jitnaqqas it-traffikar tal-bnedmin ma tawx riżultati fil-forma ta' tnaqqis fl-għadd ta' vittmi; billi, għall-kuntrarju, it-traffikar tal-bnedmin huwa l-iktar attività kriminali li qed tikber malajr meta mqabbla ma' għamliet oħra ta' kriminalità organizzata fl-UE; billi huwa, għaldaqstant, neċessarju li jiġu adottati għanijiet ċari u speċifiċi bħat-tnaqqis bin-nofs ta' l-għadd ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin fl-għaxar snin li ġejjin għalkemm, naturalment, l-għan aħħari għandu jkun li dan it-tip ta' kriminalità jinqered mingħajr dewmien,

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 9
Premessa B

B. Billi t-traffikar tal-bnedmin huwa ***prinċipalment*** reat li l-vittmi tiegħu huma ta' sess speċifiku, ***minħabba li*** l-biċċa l-kbira tal-vittmi tat-traffikar huma ***(tħassir)*** nisa u bniet,

Or. sv

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 10
Premessa B

B. Billi t-traffikar tal-bnedmin m'hux neċessarjament reat li l-vittmi tiegħu huma ta' sess speċifiku, ***minħabba li anki rġiel, u partikularment subien, huma vittmi ta' sfruttament sesswali u għax-xogħol,*** madanakollu, il-biċċa l-kbira tal-vittmi tat-traffikar għadhom nisa u bniet,

Or. en

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 11
Premessa B a (ġdida)

Ba. billi t-traffikar tan-nies jinvolvi ksur sever tad-drittijiet tal-bniedem, iċaħħad lill-persuna minn kull stejtus legali, u jġib lin-nies fi stat ta' dipendenza permezz tat-theddid, tal-vjolenza u ta' l-umiljazzjoni,

Or. es

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 12
Premessa C

C. Billi minkejja l-fatt li l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tgħid li kull tifel u tifla għandhom jiġu rreġistrati immedjatament wara t-twelid, skond il-UNICEF[1] aktar minn nofs it-trabi li jitwieldu fid-dinja li qed tiżviluppa - minbarra fiċ-Ċina - m'humiex irreġistrati (aktar minn 50 miljun tifel u tifla); dawn it-tfal inviżibbli, flimkien ma' miljuni ta' orfni u tfal tat-toroq huma l-iżjed vulnerabbli għat-traffikar, u jsiru vittmi faċli għall-adozzjoni illegali jew għall-użu fil-kummerċ ta' l-organi umani**;** ***billi l-kunflitti, id-diżastri u s-sitwazzjonijiet ta' wara l-kunflitti wkoll jesponu lit-tfal għal riskji ikbar ta' sfruttament permezz tat-traffikar tal-bnedmin,***

Or. sv

[1] "L-Istat tat-Tfal tad-Dinja 2006: Esklużi u inviżibbli", UNICEF, 2005.

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 13
Premessa C a (ġdida)

Ca. Billi l-kawżi ta' l-immigrazzjoni illegali huma differenti minn dawk li jikkawżaw it-traffikar tal-bnedmin u għalhekk dawn il-kwistjonijiet għandhom jitqiesu separatament,

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 14
Premessa D a (ġdida)

Da. Billi l-esklużjoni soċjali u l-faqar huma tnejn mir-raġunijiet ewlenin li minħabba fihom jinbeda t-traffikar tal-bnedmin,

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 15
Premessa D a (ġdida)

Da. Billi hija prijorità politika importanti li tiġi ttrattata l-kwistjoni tal-forniment tas-servizzi u billi l-eżistenza ta' l-isfruttament għax-xogħol spiss tiġi ttollerata ħafna mill-fehma pubblika,

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 16
Premessa E

E. Billi l-profitti kbar mit-traffikar ***tal-bnedmin*** spiss jintużaw għall-ħasil tal-flus, u b'hekk jagħmlu possibbli attivitajiet kriminali ***organizzati*** oħra u jippermettu lil dawk li jikkommettu r-reati li jiksbu poter ekonomiku, soċjali jew saħansitra politiku ***illeġittimu***,

Or. en

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 17
Premessa E

E. Billi l-profitti kbar mit-traffikar spiss jintużaw għall-ħasil tal-flus, u b'hekk jagħmlu possibbli attivitajiet kriminali oħra***, inklużi t-tixħim u l-frodi,*** u jippermettu lil dawk li jikkommettu r-reati li jiksbu poter ekonomiku, soċjali jew saħansitra politiku,

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 18
Premessa F

F. Billi d-domanda għas-servizzi pprovduti minn nies ittraffikati ***flimkien mal-faqar, l-esklużjoni soċjali u n-nuqqas ta' alternattivi vijabbli għal xogħol diċenti*** hija l-forza ewlenija li qed tmexxi t-traffikar tal-bnedmin u billi mingħajr it-tisħiħ tar-rieda politika u sforz komuni sabiex jitkisser, se jkun diffiċli li t-traffikar jitwaqqaf jew li anki jitnaqqas sustanzjalment[1],

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 19
Premessa F

F. Billi d-domanda għas-servizzi pprovduti minn nies ittraffikati***, pereżempju d-domanda min-naħa ta' rġiel li jixtiequ jixtru jew li jixtru nisa u tfal għal skopijiet sesswali,*** hija l-forza ewlenija li qed tmexxi t-traffikar tal-bnedmin u billi mingħajr it-tisħiħ tar-rieda politika u sforz komuni sabiex jitkisser, se jkun diffiċli li t-traffikar jitwaqqaf jew li anki jitnaqqas sustanzjalment[2],

---

1 Gabal, I. Potírání obchodu s lidmi v ČR a možnosti optimalizace bezpečnostní politiky státu., Dokument ta' Politika ta' l-MHA tar-Repubblika Ċeka, 2006, Praga

2 Gabal, I., ”Potírání obchodu s lidmi v ČR a možnosti optimalizace bezpečnostní politiky

Or. sv

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 20
Premessa F a (ġdida)

Fa. billi t-tisħiħ ta' l-infurzar tal-liġi permezz tal-kriminalizzazzjoni tat-traffikanti u tas-sensala huwa aspett kruċjali tal-ġlieda kontra t-traffikar; billi l-infurzar tal-liġi għandu jinkludi wkoll il-possibilità li jiġi kkonfiskat il-qligħ li jsir mill-kriminalità; billi jeħtieġ li jissaħħu l-ispezzjonijiet tal-postijiet tax-xogħol, inkluż l-ikkastigar ta' l-isfruttament għax-xogħol u tax-xogħol illegali; billi l-ħolqien ta' netwerk ta' spezzjonijiet nazzjonali tal-postijiet tax-xogħol u l-armonizzazzjoni tal-penalizzazzjoni ta' l-isfruttament għax-xogħol jistgħu jwasslu għal tnaqqis f'dan il-ksur tal-liġi; billi, biex jiġi żgurat li jkun hemm investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi ta' każi ta' traffikar ikun utli li, fl-uffiċċji tal-pulizija u tal-prosekuturi nazzjonali, jinħolqu unitajiet li jkunu mgħammra u mħarrġa b'mod speċjali,

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 21
Paragrafu 1, punt (a)

(a) it-traffikar tal-bnedmin għandu jiġi affrontat permezz ta' metodu koerenti ta' politika (politika dwar il-migrazzjoni, ***is-sess***, ix-xogħol, il-qasam soċjali, l-iżvilupp, l-affarijiet esterni, il-viċinanzi u l-viża) u l-kriminalizzazzjoni konsegwenti, li għall-inqas jilħqu l-istandards tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE skond id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, li ġiet adottata fid-19 ta' Lulju 2002;

Or. en

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 22
Paragrafu 1, punt (a)

(a) it-traffikar tal-bnedmin għandu jiġi affrontat permezz ta' metodu koerenti ta' politika (politika dwar ***(tħassir)*** ix-xogħol, il-qasam soċjali, l-iżvilupp, l-affarijiet esterni, il-viċinanzi u l-viża) u l-kriminalizzazzjoni konsegwenti, li għall-inqas jilħqu l-istandards tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE skond id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-

---

státu", Dokument ta' Politika tal-Ministeru ta' l-Intern tar-Repubblika Ċeka, 2006, Praga.

Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, li ġiet adottata fid-19 ta' Lulju 2002;

Or. en

Emenda mressqa minn Martine Roure

Emenda 23
Paragrafu 1, punt (a a) (ġdid)

aa. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkonsultaw u jaħdmu mill-qrib ma' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' l-assoċjazzjonijiet li huma attivi f'dan il-qasam, speċjalment billi jipprovdu finanzjament fuq medda twila ta' żmien għall-attivitajiet tagħhom;

Or. fr

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 24
Paragrafu 1, punt (a a) (ġdid)

(aa) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jadottaw strateġija għall-implimentazzjoni tat-Tagħrif tal-Kunsill dwar pjan ta' l-UE dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri biex jiġi missielet u mwaqqaf it-traffikar tal-bnedmin (Pjan ta' Azzjoni);

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 25
Paragrafu 1, punt (b)

(b) fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom isaħħu l-metodu msejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem, ***favur l-ugwaljanza bejn is-sessi*** u li jpoġġi lill-vittmi fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn Claude Moraes

Emenda 26
Paragrafu 1, punt (b a) (ġdid)

(ba) Huwa tal-fehma li hemm bżonn li minbarra li jkun favur id-drittijiet tal-bniedem, il-mod kif jiġi indirizzat it-traffikar ikun ukoll kontra d-diskriminazzjoni u li, għaldaqstant, huwa kritiku li jkun hemm riferenzi għall-ugwaljanza u għal li ma jkunx hemm diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 27
Paragrafu 1, punt (d)

(d) L-Istati Membri għandhom kemm jista' jkun malajr jimplimentaw id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u d-Direttiva tal-Kunsill dwar il-permess tar-residenza u***, għallinqas,*** jiżguraw l-aċċess għall-istejtus ta' residenza għal żmien qasir, inkluż perjodu ta' riflessjoni/rkupru għall-vittmi li jdum mill-inqas 30 jum;

Or. sv

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 28
Paragrafu 1, punt (d)

(d) L-Istati Membri għandhom kemm jista' jkun malajr jimplimentaw id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u d-Direttiva tal-Kunsill dwar il-permess tar-residenza u jiżguraw l-aċċess għall-istejtus ta' residenza ***permanenti (tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 29
Paragrafu 1, punt (d)

d) L-Istati Membri għandhom kemm jista' jkun malajr jimplimentaw id-Deċiżjoni ta'

Qafas tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u d-Direttiva tal-Kunsill dwar il-permess tar-residenza u jiżguraw l-aċċess għall-istejtus ta' residenza għal żmien qasir, inkluż perjodu ta' riflessjoni/rkupru għall-vittmi li jdum mill-inqas 30 jum, ***kif ukoll l-aċċess għal tagħrif dwar il-proċeduri legali u amministrattivi f'ilsien li jifhmuh il-vittmi, kif ukoll għajnuna legali mingħajr ħlas***;

Or. es

Emenda mressqa minn Giusto Catania

Emenda 30
Paragrafu 1, punt (f)

(f) L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet legali bil-ħsieb li jagħtu permess ***permanenti*** ta' residenza ***(tħassir)*** lill-vittmi tat-traffikar irrispettivament minn jekk jikkoperawx jew le ma' l-awtoritajiet kompetenti waqt l-investigazzjonijiet u bħala xhieda fi proċeduri kriminali;

Or. en

Emenda mressqa minn Elena Valenciano Martínez-Orozco

Emenda 31
Paragrafu 1, punt (f)

f) L-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet legali bil-ħsieb li jagħtu permess ta' residenza għal żmien limitat lill-vittmi tat-traffikar irrispettivament minn jekk jikkoperawx jew le ma' l-awtoritajiet kompetenti waqt l-investigazzjonijiet u bħala xhieda fi proċeduri kriminali; ***jistieden lill-Istati Membri wkoll, anki għal raġunijiet umanitarji, sabiex jagħtu permess speċjali ta' residenza permanenti lin-nisa li jkunu vittmi tat-traffikar, fil-kuntest tal-ftehimiet dwar l-ammissjoni mill-ġdid; jissuġġerixxi li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jingħataw il-kapaċità li jaġixxu permezz ta' esperjenza rrikonoxxuta fl-għajnuna lin-nisa u t-tfal li jkunu vittmi tat-traffikar sabiex jikkontrollaw il-proċeduri tal-permess tar-residenza;***

Or. es

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 32
Paragrafu 1, punt (f a) (ġdid)

(fa) L-Istati Membri għandhom jerfgħu r-responsabilità tagħhom għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, billi jagħtuhom l-opportunità li jirċievu l-għajnuna, biex imorru lura

f'pajjiżhom jekk ikunu jixtiequ hekk jew biex jibqgħu fl-Unjoni[1]; għandhom ukoll jirċievu l-għajnuna u l-inkuraġġiment biex jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti waqt l-investigazzjonijiet u bħala xhieda fi proċeduri kriminali;

Or. sv

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 33
Paragrafu 1, punt (f a) (ġdid)

(fa) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw id-dħul ta' mekkaniżmi biex jinkuraġġixxu, jappoġġjaw u jipproteġu informaturi li jistgħu jisfaw vittmi ta' tpattija;

Or. en

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 34
Paragrafu 1, punt (f a) (ġdid)

fa) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw li l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar, speċjalment it-tfal, issir minn staff imħarreġ u kkwalifikat fit-twaqqif tat-traffikar tan-nies;

Or. es

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 35
Paragrafu 1, punt (g)

(g) L-Istati Membri għandhom jimminimizzaw ir-riskju tat-traffikar ta' l-organi fl-Ewropa, inkluż it-tnaqqis tad-domanda, promozzjoni aktar effettiva tad-donazzjoni ta' l-organi, iż-żamma ta' leġiżlazzjoni stretta fir-rigward ta' donaturi ħajjin li ma jiġux mir-riċevitur, ***garanzija tat-trasparenza tar-reġistri nazzjonali u l-listi nazzjonali ta' dawk li jkunu qed jistennew trapjant, l-istabbiliment tar-responsabilità legali tal-professjoni medika li tfittex l-irregolaritajiet u l-qsim tat-tagħrif;***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean Lambert

[1] Skond l-opinjoni PE 362.828 tal-LIBE.

Emenda 36
Paragrafu 1, punt (h)

(h) L-Istati Membri għandhom itejbu l-analiżi tal-qagħda preżenti billi jimplimentaw metodi uniformi biex jiġbru dejta komparabbli relatata b'mod partikulari mar-rotot tat-traffikar u mal-profili tal-vittmi ***skond il-protokolli u l-leġiżlazzjoni ta' l-UE eżistenti dwar il-protezzjoni tad-dejta***;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 37
Paragrafu 1, punt (i)

(i) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw b'mod konsistenti l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin sabiex jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għal ksur tal-liġi li jseħħ għall-vantaġġ tagħhom ***minn kwalunkwe persuna, li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fi ħdan il-persuna ġuridika, li jkollha x'taqsam mat-traffikar tal-bnedmin jew li tuża s-servizzi ta' vittmi tat-traffikar;***

Or. en

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 38
Paragrafu 1, punt (i a) (ġdid)

ia) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw mekkaniżmi li joffru soluzzjonijiet integrati sabiex jiġi indirizzat it-traffikar internazzjonali tan-nisa u t-tfal għal skopijiet ta' sfruttament sesswali fil-kuntest tal-pulizija, b'miżuri ta' prevenzjoni, ta' trawwim ta' għarfien, ta' edukazzjoni u taħriġ, ta' għajnuna u protezzjoni tal-vittmi, u ta' evalwazzjoni tar-riżorsi meħtieġa sabiex jitwettqu l-miżuri kkonċernati;

Or. es

Emenda mressqa minn Elena Valenciano Martínez-Orozco

Emenda 39
Paragrafu 1, punt (i a) (ġdid)

ia) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw li l-ħtif u t-trasport ta' persuni, inklużi l-akkomodazzjoni u ż-żamma tagħhom u t-trasferiment tal-kontroll

fuqhom, ikun, fejn l-għan imfittex ikun l-isfruttament għal skopijiet sesswali, definit fil-liġi bħala reat u meqjus bħala ksur tal-liġi kkastigat bil-priġunerija;

Or. es

Emenda mressqa minn Elena Valenciano Martínez-Orozco

Emenda 40
Paragrafu 1, punt (i b) (ġdid)

ib) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-pieni finanzjarji, imposti skond il-liġi kriminali jew ta' natura amministrattiva, lil persuni ġuridiċi li jinstabu ħatja ta' dan il-ksur tal-liġi jkunu jinkludu l-konfiska jew il-qbid tal-qligħ mit-traffikar, bil-ħsieb, bħala kwistjoni prijoritarja, li jiġi żgurat li l-vittmi jieħdu kumpens u riparazzjoni għad-danni finanzjarji, fiżiċi u psikoloġiċi li jkunu sofrew;

Or. es

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 41
Paragrafu 1, punt (j a) (ġdid)

(ja) Hemm bżonn ta' aktar taħriġ, nazzjonali u internazzjonali, ta' l-istaff ta' l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, sabiex jiġu mgħejuna jidentifikaw il-vittmi tat-traffikar u jagħmlu distinzjoni aktar konsistenti bejn meta wieħed idaħħal bnedmin f'pajjiż b'mod illegali u meta wieħed jittraffikahom; l-aġenziji tal-gvern għandhom jiżviluppaw linji gwida sabiex jiżguraw li meta jsiru l-intervisti lil emigranti mingħajr dokumenti, isiru l-mistoqsijiet xierqa sabiex ikun żgurat li l-vittmi tat-traffikar ikunu jistgħu jiġu identitifkati bħala tali;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 42
Paragrafu 1, punt (k)

(k) L-Istati Membri għandhom jikkontrollaw aħjar l-attivitajiet ta' l-aġenziji tax-xogħol u ta' l-aġenziji tar-reklutaġġ ta' ħaddiema staġjonali; ***il-Kunsill għandu jikkunsidra l-ħolqien ta' netwerk ta' spezzjonijiet nazzjonali tal-postijiet tax-xogħol;***

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 43
Paragrafu 1, punt (1)

(l) ***L-affrontar tat-***traffikar tal-bnedmin għandu jsir ***aktar effettiv billi tiġi attivata l-klawsola passerelle ta' l-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sabiex il-miżuri jaqgħu taħt il-kompetenza Komunitarja***
;

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 44
Paragrafu 1, punt (m)

(m) ***L-indirizzar u t-tnaqqis ta' l-inguwaljanzi soċjali u fuq il-bażi tas-sess,*** l-edukazzjoni fl-iskejjel, il-provediment tat-tagħrif u t-trawwim ta' għarfien pubbliku dwar it-traffikar bħala reat inaċċettabbli għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala elementi vitali tal-ġlieda kontra t-traffikar;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 45
Paragrafu 1, punt (m)

(m) ***Id-diskussjoni dwar it-traffikar tal-bnedmin bħala parti mill-***edukazzjoni fl-iskejjel, il-provediment tat-tagħrif u t-trawwim ta' għarfien pubbliku dwar it-traffikar bħala reat inaċċettabbli għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala elementi vitali tal-ġlieda kontra t-traffikar;

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 46
Paragrafu 1, punt (m a) (ġdid)

(ma) Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-2007, tniedi studju dwar il-korrelazzjoni każwali bejn il-leġiżlazzjoni differenti ta' l-Istati Membri dwar it-taqħib u l-għadd ta' vittmi tat-traffikar għal sfruttament sesswali, kif ippreveda l-Kummissarju Frattini fit-8 ta' Marzu 2006 u kif intalab fir-riżoluzzjoni tas-17 ta' Jannar 2006 tal-Parlament;

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 47
Paragrafu 1, punt (n)

(n) Il-Kummissjoni għandha tevalwa u xxerred l-aħjar prattiki rigward it-tnaqqis tad-domanda għal servizzi pprovduti minn persuni ttraffikati li jkunu bbażati fuq ***sfruttament sesswali, fuq it-tħaddim tagħhom*** jew fuq tipi oħra ta' traffikar fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea;

Or. sv

Emenda mressqa minn Inger Segelström
Emenda 48
Paragrafu 1, punt (o)

(o) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri sabiex inaqqsu d-domanda ***u sabiex jindirizzaw kawżi oħra bħall-emarġinazzjoni u n-nuqqas ta' opportunitajiet indaqs biex wieħed isib jaħdem u biex ikollu xogħol diċenti*** fuq il-bażi ta' l-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 49
Paragrafu 1, punt (o)

(o) L-Istati Membri għandhom, fuq il-bażi ta' l-aħjar prattiki, jimplimentaw miżuri sabiex titnaqqas id-domanda ***u sabiex jinkuraġġixxu lis-settur tan-negozju, b'mod partikulari l-qasam tat-turiżmu u tal-fornituri ta' l-Internet, biex jiżviluppa u jimxi mal-kodiċi ta' kondotta bil-ħsieb li jitwaqqaf it-traffikar tal-persuni;***

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 50
Paragrafu 1, punt (o a) (ġdid)

(oa) Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra inizjattiva leġiżlattiva ġdida sabiex tqarreb il-metodi differenti ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar il-kriminalizzazzjoni tax-xiri ta' servizzi sesswali; diversi studji[1] juru li l-leġiżlazzjoni dwar it-taqħib twassal

[1] Dipartiment ta' l-Istat ta' l-Istati Uniti (2005), http://www.state.gov/g/tip/rls/tiprpt/2005/ u r-Rapport ta' l-2004 tal-Gvern Skoċċiż "Eżami Kritiku tar-Risponsi għat-Taqħib f'Erba' Pajjiżi: Victorja - l-Awstralja, l-Irlanda, l-Olanda u l-Isvezja" http://www.glasgow.gov.uk/en/YourCouncil/PolicyPlanning_Strategy/Corporate/Equalities/Women/Prostitution.htm.

mhux biss għal żieda fid-domanda għal skjavi sesswali iżda wkoll għal żieda fil-kriminalità organizzata, fl-abbuż sesswali tat-tfal u fil-vjolenza kontra n-nisa, u għal żieda sustanzjali fl-għadd ta' nisa u bniet barranin li jiġu ttraffikati;

Or. en

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 51
Paragrafu 1, punt (p)

(p) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-15 ta' Marzu bħala l-jum kontra t-traffikar, mill-2007 'l quddiem, sabiex timmarka l-abolizzjoni tal-kummerċ ta' l-iskjavitù f'bosta pajjiżi madwar id-dinja ***u sabiex titfa' l-attenzjoni fuq il-ġlieda kontra l-għamliet eżistenti ta' xogħol sfurzat;***

Or. en

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 52
Paragrafu 1, punt (r)

r) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, fil-politiki tagħhom dwar il-viċinanzi, l-iżvilupp u l-għajnuna, jikkunsidraw miżuri li jindirizzaw l-għeruq tal-kawżi tat-traffikar tal-bnedmin fil-pajjiżi tan-nisel, inklużi miżuri biex jinkoraġġixxu r-reġistrazzjoni tat-tfal sabiex inaqqsu l-vulnerabilità tagħhom għall-adozzjonijiet illegali, għaż-żwiġijiet sfurzati, għall-kummerċ ta' organi umani ***u għat-traffikar tat-tfal għal skopijiet ta' sfruttament sesswali***;

Or. es

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 53
Paragrafu 1, punt (r a) (ġdid)

ra) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikulari għall-użu mhux xieraq tat-teknoloġiji l-ġodda tal-komunikazzjoni u ta' l-informatika għat-traffikar tan-nisa u t-tfal, u għandhom jippromwovu l-konformità ma' l-inizjattivi legali u teknoloġiċi kollha li huma meħtieġa sabiex tiġi affrontata din il-problema;

Or. es

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 54
Paragrafu 1, punt (r a) (ġdid)

(ra) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jadottaw proposta għal Kodiċi ta' Kondotta għall-uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, partikularment waqt li jkunu fuq missjoni ta' l-UE f'pajjiżi terzi, simili għall-'Kodiċi ta' Kondotta' maħruġ min-NU. Il-Kodiċi għandu jesprimi diżapprovazzjoni ċara għax-xiri ta' servizzi sesswali, għal għamliet oħra ta' sfruttament sesswali u għal vjolenza bbażata fuq is-sess tal-persuna, u għandu jkun fih is-sanzjonijiet meħtieġa f'każi ta' kondotta ħażina. L-uffiċjali għandhom jingħataw tagħrif iddettaljat dwar il-kontenut tal-Kodiċi tal-Kondotta qabel ma jintbagħtu fuq missjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 55
Paragrafu 1, punt (s a) (ġdid)

(sa) Il-Kunsill għandu jinkuraġġixxi l-ħolqien ta' sit Ewropew fuq l-Internet bid-dejta u r-ritratti tal-persuni nieqsa b'koperazzjoni mill-qrib mal-koordinaturi nazzjonali;

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 56
Paragrafu 1, punt (t)

(t) Hemm bżonn jittieħdu miżuri sabiex ikun żgurat il-ħarsien ***(tħassir)*** tal-vittmi ta' ***kull għamla ta' traffikar tal-bnedmin***;

Or. sv

Emenda mressqa minn Claude Moraes

Emenda 57
Paragrafu 1, punt (v a) (ġdid)

(va) L-għajnuna għall-vittmi tat-traffikar għandha tkun imfassla skond il-ħtiġijiet partikulari tagħhom, minħabba li l-vittmi tat-traffikar ma jiffurmawx grupp omoġenju. F'dan ir-rigward, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tat-tfal, ta' nies indiġeni u ta'

gruppi minoritarji għandhom rilevanza partikulari minħabba li bosta vittmi jew vittmi potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin huma nisa, tfal u individwi li ġejjin minn gruppi etniċi jew minoritarji, li jistgħu jkunu sofrew diskriminazzjoni fil-postijiet tan-nisel tagħhom;

Or. en

Emenda mressqa minn Inger Segelström

Emenda 58
Paragrafu 1, punt (x)

(x) Il-vittmi tat-traffikar m'għandhomx jintbagħtu ***(tħassir)*** lura lejn il-pajjiż tan-nisel meta jista' jkun hemm suspett raġonevoli li jistgħu jsofru aktar minħabba t-tkasbir ta' ġieħhom u minħabba diskriminazzjoni, ***(tħassir)*** tpattija ***jew traffikar mill-ġdid***;

Or. sv

Emenda mressqa minn Jean Lambert

Emenda 59
Paragrafu 1, punt (x)

(x) Il-vittmi tat-traffikar m'għandhomx jintbagħtu mill-ewwel lura lejn il-pajjiż tan-nisel meta jista' jkun hemm suspett raġonevoli li jistgħu jsofru aktar minħabba t-tkasbir ta' ġieħhom u minħabba diskriminazzjoni, ***(tħassir)*** minħabba li jissugraw tpattija ***jew minħabba li jissugraw li jerġgħu jiġu ttraffikati***;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 60
Paragrafu 1, punt (x)

(x) Il-vittmi tat-traffikar m'għandhomx jintbagħtu mill-ewwel lura lejn il-pajjiż tan-nisel meta jista' jkun hemm suspett raġonevoli li jistgħu jsofru aktar minħabba t-tkasbir ta' ġieħhom u minħabba diskriminazzjoni jew minħabba li jissugraw tpattija; ***għandu jsir enfasi fuq l-importanza ta' ritorn sikur, ta' l-integrazzjoni mill-ġdid u ta' programmi favur l-inklużjoni soċjali għall-vittmi b'rispett sħiħ għad-drittijiet li l-vittmi għandhom għas-sikurezza u l-privatezza, inkluża r-responsabilità ta' l-istat, fejn il-vittmi jiġu identifikati, biex issir evalwazzjoni individwali dwar ir-riskji, waqt u wara r-ritorn ta' vittma;***

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 61
Paragrafu 1, punt (y)

(y) L-Istati Membri, fil-leġiżlazzjoni tagħhom kif ukoll fil-prattika amministrattiva tagħhom, għandhom jirrispettaw id-definizzjoni li n-NU tagħti għat-tfal[1], jiġifieri kull bniedem taħt l-età ta' 18-il sena; ***deċiżjonijiet dwar soluzzjoni fuq medda twila ta' żmien għat-traffikar tat-tfal għandhom għaldaqstant jittieħdu jew minn awtorità b'responsabilità statutorja għall-benesseri tat-tfal jew minn awtorità ġudizzjali li r-responsabilità primarja tagħha tkun li tiżgura l-aħjar interessi tat-tfal tul il-proċess kollu li fih jittieħdu d-deċiżjonijiet;***

Or. en

Emenda mressqa minn Javier Moreno Sánchez, Antonio Masip Hidalgo u Teresa Riera Madurell

Emenda 62
Paragrafu 1, punt (ab a) (ġdid)

(aba) Il-Kummissjoni għandha tinkuraġġixxi u ssostni l-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali biex għall-fini tal-ġlieda kontra t-traffikar;

Or. es

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 63
Paragrafu 1, punt (ab a) (ġdid)

(aba) L-Istati Membri għandhom jiżguraw appoġġ finanzjarju għal unitajiet speċjali li jinvestigaw każi ta' traffikar tal-bnedmin;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 64
Paragrafu 1, punt (ac a) (ġdid)

(aca) Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom iqisu l-importanza ta' l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin matul il-proċess ta' l-iżvilupp ta' Sistema ta' Tagħrif tal-Viża komuni u fl-istess ħin jiġġieldu kontra t-traffikar bejn il-fruntieri ta' kull Stat Membru u ta' l-UE nnifisha;

[1] ***Artikolu 1, Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, NU, 1989***

Or. en

Emenda mressqa minn Elena Valenciano Martínez-Orozco

Emenda 65
Paragrafu 1, punt (ad a) (ġdid)

(ada) Il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jimmoniterjaw l-applikazzjoni tal-klawsola dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, anki b'riferenza għall-adattamenti leġiżlattivi meħtieġa għall-prosekuzzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tan-nies;

Or. es

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 66
Paragrafu 1, punt (ae a) (ġdid)

(aea) Il-Kummissjoni u l-gvern Ġermaniż għandhom jiġbru u janalizzaw tagħrif miksub fir-rigward ta' taqħib sfurzat u ta' għamliet oħra ta' sfruttament relatat mat-traffikar tal-bnedmin waqt it-Tazza tad-Dinja tal-Futbol ta' l-2006 u jaqsmu dawn l-esperjenzi bil-ħsieb li jiżviluppaw l-aħjar prattiki għal avvenimenti fil-ġejjieni;

Or. en

Emenda mressqa minn Edit Bauer

Emenda 67
Paragrafu 1, punt (ae b) (ġdid)

(aeb) Il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom jinkuraġġixxu l-koperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu fil-pajjiżi tan-nisel, li għandhom jimmiraw biex jiġbru dejta, jimplimentaw attivitajiet, iħarrġu lill-assistenti soċjali, u jaħdmu mal-midja tal-massa sabiex irawmu għarfien pubbliku rigward it-traffikar tal-bnedmin;

Or. en